

IL-QORTI ĠENERALI

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2012 — L'Oréal vs UASI — United Global Media Group (MyBeauty TV)

(Kawża T-240/11) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Spejjeż li jistgħu jinġabru quddiem l-UASI — Spejjeż ta' rappreżentanza minn impiegat — Artikolu 85(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)

(2012/C 287/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: L'Oréal (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u S. Abel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: United Global Media Group, Inc. (El Segundo, California, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Frar 2011 (Każ R 898/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn United Global Media Group, Inc. U L'Oréal.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) L'Oréal SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 204, 09.07.2011.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2012 — United States Polo Association vs UASI — Polo/Lauren (Rappreżentazzjoni ta' żewġ plejers tal-polo)

(Kawża T-517/11) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Rifjut parżjali ta' regiſtrazzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal regiſtrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 287/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: United States Polo Association (Lexington, Kentucky, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Goldenbaum, I. Rohr u T. Melchert, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: The Polo/Lauren Company, LP (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Granado Carpenter u M. Polo Carreño, avukati)

Suġġett

Appell mid-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-17 ta' Ġunju 2011 (Każ R 1170/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn United States Polo Association u The Polo/Lauren Company, LP.

Dispożittiv

(1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

(2) Ir-rikorrenti hija kkundannata tbatil l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll, l-ispejjeż tal-konvenut u tal-intervenjenti.

⁽¹⁾ ĠU C 355, 03.12.2011.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2012 — Holcim (ir-Rumanija) vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-317/12)

(2012/C 287/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Holcim (Romania) SA (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: L. Arnauts, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrenti l-valur tas-suq tal-Kwoti ta' Emissjonijiet Ewropej allegatament misruqa li ma jistgħux jiġi rkupratil sal-ġurnata tas-sentenza, bil-prezz tagħhom tas-suq, flimkien ma' rata ta' imgħax ta' 8 % fis-sena sa mis-16 ta' Novembru 2010;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż; u

— tiddikjara s-sentenza infurzabbli.